KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 29

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

29.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 28

29.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tmienja u għoxrin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

29.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

29.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Minority Leader Lorraine Farrugia, il-minuti tat-tmienja u għoxrin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1.1 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-one ways fi Triq Kjeriku Ġakbu Abela u Triq Ħalmann. Huwa qal kif TM wara ħames xhur biddlet l-permess li ħarġu biex il-bdiewa jkunu jistgħu jgħaddu kontra l-oneway ukoll fit-triqat imsemmija minħabba l-għelieqi li għandhom. Is-Sur Dalli spjega kif meta kien oriġinarjament ingħata dan il-permess, il-Kunsill weħħel it-tabelli skond il-permess ta' TM u ftit wara xi ħadd qalgħahom mingħajr ma avża lill-Kunsill. Għalhekk kien sar rapport l-għassa tal-Pulizija, umbgħad reġgħu tweħħlu t-tabelli u reġgħu anke inqalaw, iżda din id-darba xi ħadd induna b'dan u mar kellem li min kien qed jaqgħlahom u din il-persuna wieġbet li kellu struzzjonijiet minn TM biex jagħmel hekk.

29.3.1.2 Bħala Sindku tal-Lokalita, is-Sur Dalli kiteb lic-Chairman ta' TM biex jara għaliex qed issir dan u biex anke jinġabru l-ispejjeż li għamel il-kunsill biex weħħel dawn it-tabelli darbtejn. Is-Sur Dali kompla jispjega kif, il-kunsill irċieva ttra li waslet minn TM it-Tnejn 21 ta' Gunju 2021 fejn ġie avżat li dan permess tal-bdiewa kien qed jiġi irtirat u lil kunsill ħadd ma avżah qabel u l-ittra tgħid kif bi svista u dan qed isir minħabba raġunjiet ta' sigurta.

29.3.1.3 Is-Sindku qal kif huwa rrisponda lis-Sur Farrugia ta' TM għal din l-ittra, fejn qal li l-Kunsill għadhu jaqbel li Triq Kjeriku Ġakbu Abela għandha tibqa kif inhi, imma fi Triq ĦalMann titneħħa l-one-way għal kollox għax huma neħħew it-tabelli tan-naħa ta barra fejn hemm id-dħul u l-ħruġ tal-uffiċini u dawn jistgħu joħorgu lejn ir-roundabout. Is-Sur Dalli qal kif ir-raġunijiet tas-sigurta li qed tisħoq fuqhom TM għandhom ikunu jew għal kulħadd jew għal ħadd.

29.3.1.4 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif TM trid tifhem li saret diskriminazzjoni mal-bdiewa tal-akkwati u mal-ftit residenti minn Ħal Lija li jużaw din it-triq. Is-Sindku qal kif ser jżomm ukoll id-dritt li jekk il-kunsill ma jirċievix risposta pożittiva għandha ssir referenza ta' dan l-każ kemm lil Ombudsman u anke jittieħdu passi legali. Wara din l-imejl is-Sur Dalli qal li rċieva komunikat mingħand is-Sur Farrugia li dan l-każ tal-kunsill ser jidher quddiem bord fis-seduta ta' 14/07/2021.

29.3.2 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera bis-somma ta' EUR 24,800 li ser ikun qed jirċievi l-kunsill biex ikun jista jinvesti fi trasport alternattiv biex jingħata servizz aktar nadif fil-lokalita ta' Ħal Lija. Dawn il-fondi ġejjin mill-LESA u AKL. Issa ser jinbeda l-proċess tat-tendering.

29.3.3.1 Is-Sindku tkellem dwar Vjal it-Trasfigurazzjoni u Triq Carmelo Farrugia. Is-Sur Dalli ta update fejn spjega kif waqt laqgħa li saret bejn is-Sur Fredrick Azzopardi, CEO minn IM u hu bħala Sindku tal-Lokalita flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fl-20 ta' Mejju 2021, ġie miftiehem li x-xogħol propost mill-Kunsill isir taħt id-direzzjoni tal-Perit u l-kuntrattur tal-Kunsill u jitħallas kollox minn IM. Dan il-ftehiem kollu ġie indikat u maqbul bis-saħħa tal-minuti li ġew magħmulhaa mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Borg u li ġew ffirmati mis-CEO, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill Lija, kif ġe irrapurtajt fl-aħħar seduta.

29.3.3.2 Is-Sindku rraporta li x-xogħol mal-entitajiet fuq Triq Carmelo Farrugia bdew u qeħhdin fi stadju avvanzat. Melita u GO, m'hemmx bżonn isir xejn, WSC (Drainage Section) se jagħmlu xi manhole f'nofs din it-triq, WSC (Water

Section) se tgħaddi main tal-ilma tul it-triq kollha u Enemalta m'hemmx bżonn tagħmel xejn. Dwar l-Enemalta l-kunsill kiteb imejl dwar l-street lighting għax ma hemmx. Il-Kunsill qed jistenna risposta. Il-Perit tal-Kunsill qed jiprepara biex isir survey ta' wiċċ it-triq minħabba l-qlib tal-ilma.

29.3.3.3 Dwar Vjal it-Trasfigurazzjoni l-Perit qed jiprepara għas-survey. Is-sindku spjega kif l-ewwel se titlesta Triq Carmelo Farrugia umbgħad niproċedu biex issiru l-bankini fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

29.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-proċedura ta' akkwist għal binja ġdida bil-kiri u l-istadji li wasal fihom il-kunsill. Huwa spjega kif ser jitqabbad Perit kif ġie mitlub jagħmel il-kunsill, li jkun jopera fis-servizz tal-Gvern biex jagħmel ċertifikat ta' valutazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet kull tentattiv biex issib lli xi ħadd mill-Dipartiment tal-Artijiet jew mid-Dipartiment tal-kuntratti imma ħadd ma ried jikkommeti ruħu jidħol fiha. Għalhekk is-Sur Dalli qal kif wara li huwa kellem lid- Direttur Ġenerali tal-Kunsilli, kien hemm qbil li l-kunsill jista isib Perit li jaħdem fis-Servizz tal-Gvern minn xi dipartiment ieħor u jiġi umbagħad ikkomunikat miegħu ir-rizultat għaliex id-dipartiment tal-Kunsilli Lokali wkoll qed jesperjenza problema simili.

29.3.5 Is-Sur Dalli tkellem dwar l-edizzjoni tal-fuljett li jmiss (Lulju 2021), li l-kunsill qed jiprepara għaliha. Huwa qal kif qed jistenna li jintbgħatu l-aħħar artikli /write-ups u qal lil kunsilliera kif minn baqalu jibgħat dawn l-artiklu / write-ups għandhom jibgħathom malajr kemm jista jkun.

29.3.6 Is-Sur Dalli xtaq jitkellem dwar ix-xiri ta' vann ġdid għal l-operat tal-ħaddiema tal-kunsill. Huwa spjega kif ix-xiri tal-vann għal ħaddiema tal-Kunsill se jkollu jiġi pospost għax bħal issa jidher li hawn nuqqas kbir ta' vannijiet second hand, minħabba l-problema ta' l-importazzjoni ta' vetturi mill l-Ingilterra u li huma naqra għoljin għal budget tal-kunsill. Il-Vettura li għandu bħal issa l-kunsill hija VRT tested sa Ġunju 2022 u għalhekk il-kunsill jiflaħ jistenna ftit ieħor sa kemm tinstab xi ħaġa addatata oħra fis-suq.

29.3.7 Fl-aħħarnett, is-Sindku qal li avviċinawh xi residenti bi suġġeriment tat-traffiku fi Triq il-Kunċizzjoni. Huma qed jitolbu li Triq il-Kunċizzjoni tiġi two-way fi silent hours tat-traffiku, meta ma tantx ikun peak li jgħaddu ħafna karozzi. Waħda mir-raġunijiet hija għaliex filwaqt li dawk ir-residenti li joqħodu fil-parti il-fuq ta' Triq il-Kunċizzjoni, mill-mużew il-fuq, jistgħu jitilgħu u jinżlu biex ikollhom aċċess għal darhom, pero minn joqgħod fil-parti ta' taħt mill-mużew l-isfel ma jistax jinżel imma jitla biss l-fuq. Is-Sindku qal kif din hija xi ħaġa li l-kunsill ma jistax jieħu deċiżjoni mgħaġġla dwarha anke minħabba l-fatt ta' safety, pero hija xi ħaġa li tista tiġi kkunsidratha. Allura talab lil kunsilliera biex jaħsbu dwar din il-proposta huma ukoll.

## 29.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

29.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 29.5 Jum Ħal Lija – Aġġudikazzjoni tal-applikazzjonijiet u dettalji oħra

29.5.1 Is-Sur Dalli tkellem fuq l-avveniment ta' Jum Ħal Lija fejn ta spjegazzjoni ddettaljatha ta' kif dan ser jiġi ċċelebrat, inregola mal-istruzzjonijiet tas-saħħa minħabba l-covid19. Huwa qal kif nhar is-6 ta' Lulju 2021, ser issir quddiesa ta' ringrazzjament mqaddsa mill-Kappillan fis-6:30pm. Waqt din il-quddiesa l-kant ser isir minn Christine Dalli, li hija mezzo sopran u ser tkun akkumpanjatha minn persuna li taf ddoq l-Arpa u anke żewġ vjolinisti professjonali. Huwa qal ukoll kif din il-quddiesa ser tkun imxandra live fuq il-website tal-kunsill bi żewġ cameras.

29.5.2 Għal waqt dan l-avveniment hemm bżonn ukoll li jkun hemm 4 bukketti fjuri għal fuq l-artal, jiġu ordnati żewġ medalji għal premju ta' Ġieħ Ħal Lija, jingħataw xi ċertifikati ta' rikonoxximent, jingħata is-servizz ta' fotografu, u ser jitweħlu l-bnadar mal-arbli ta' quddiem il-knisja parrokjali u jitellaw l-bandalori madwar il-Pjazza tal-festa. IS-Sindku qal li kif appena jkollu l-medalja kompluta kif mixtieq ser jibgħat ritratt tagħhha lil kunsilliera.

29.5.3 Is-Sur Dalli qal kif għadt baqa jiġi determinat min se jieħu ħsieb il-qari ta' waqt il-quddiesa. Wara din il-quddiesa ser ikun hemm diskors qasir mis-Sindku u wara jsiru l-għotja, l-ewwel ta' Ġieħ Ħal Lija umbgħad taċ-ċertifikati ta' rikonoxximent.

29.5.4 Is-Sur Dalli fil-qasir ta rendikont tal-ispejjeż kollha li ser issiru għal dan l-avveniment. L-ispejjeż bejn wieħed u ieħor huma kif ġej: l-knisja €100, kant u mużika €550, trażmissjoni tal-avveniment €350, fjuri €100, medalji €100,

fotografu €100, bandalori €100, xiri ta' bnadar madwar €300. Dawn l-ispejjeż kollha ser jittieħdu minn fondi tar-Reġjun Ċentru taħt Skema 6/2020 – Avvenimenti Soċjo-Kulturali.

29.5.5 Is-Sindku spjega kif residenti li kellhom interess biex jinnominaw persuni għal premju ta' Ġieħ Ħal Lija kellhom jagħmlu dan sal-21 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija irċieva b'kollox ħames applikazzjonijiet ta' nominazzjoni. Fl-ordni ta' kif daħlu l-applikazzjonijiet, il-persuni nominati kienu 1) il-grupp ta' nies li jgħinu lis-sagristan fil-knisja għat-tindif, 2) Is-Sur Raymond Borg, 3) Is-Sur Joseph Cuschieri, 4) Mons. Mose Borg u 5) Is-Sur Ġużeppi Cuschieri, li ġie nominat darbtejn, din id-darba pero minn persuna differenti. Jiġifiri b'kollox erba persuni differenti ġew innominati.

29.5.6 Is-Sur Dalli qal lil kunsilliera kif diment li għalqu l-applikazzjonijiet issa l-kunsill irid jiddetermina lil min minn dawn il-persuni ser jingħata Ġieħ Ħal Lija u lil min ser jingħata ċertifikat ta' rikonixximent. Wara diskussjoni żgħira li saret, ġie deċiż b'mod unanimu li Ġieħ Ħal Lija jingħata lis-Sur Joseph / Ġużeppi Cuschieri u lil Mons. Mose Borg għaliex f'għajnejn il-kunsill kienu dawn iż-żewġ persuni li taw l-aktar sehem u servizz kollettiv li minnu bbenifika r-raħal kollu. B'hekk il-grupp ta' nies li jgħinu lis-Sagristan fil-knisja għat-tindif u s-Sur Raymond Borg ser jingħataw ċertifikat ta' rikonoxximent ta' xogħolhom.

## 29.6 Festa tas-Salvatur 2021

29.6.1 Rigward il-festa tas-Salvatur is-Sindku qal kif din ser tiġi ċċelebratha simili ħafna kif sar is-sena li għaddiet, minħabba il-pandemija ta' Covid-19. Dan jfisser li mhux ser ikunu qed isiru marċi u lanqas purċissjonijiet.

29.6.2 Ser ikun hemm biss in-nar tal-ajru u filfatt sostna li, kemm il-darba jkun hemm talba, l-kunsill ser jerġa jassisti lil għaqda tan-nar bil-ħlas ta' fire engine li tkun on site meta jiġi sparat in-nar minħabba s-sigurta. Dwar dan il-Kunsilliera qablu.

29.6.3 Minn naħa amministrattiva, is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-sindku jikkonferma jekk mhux ser jingħataw permessi ta' Kiosks kemm il-darba jkun hemm din it-talba. Dawn ser jingħataw kemm il-darba jkun hemm minn jiġi japplika għalihom, pero naturalment inregola mal-istruzzjonijiet tas-saħħa kontra il-pandemija tal-Covid19.

## 29.7 Korrispondenza

29.7.1 Il-Kunsilliera għamlu domandi fuq diversi imejls u ttri li kienu mniżżla fir-rapport tal-korrispondenza, iżda s-sur Dalli ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv kif mhux il-bżonn li dawn id-domandi jitniżlu kollha fil-minuti peress li ħafna mill-imejls/ ittri li ntalbu l-klarifikazzjonijiet dwarhom m'humiex ta' materja daqshekk importanti anzi pjuttost sempliċi u ċari mmens. Il-Kiunsilliera reġgħu ġew mħeġġa jaraw l-file tal-korrispondenza minn qabel il-laqgħa.

29.7.2 Il-Kunsillier Cini staqsa dwar korrispondenza nru 0170/21 – ERA- Recycling points – KL Ħal Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv fakritu kif fil-laqgħa li għaddiet hija ressqet ittra mingħand ERA fejn din l-ittra kienet tgħid li bil-liġi u sa ċertu perjodu l-kunsill irid ikollu fil-lokalita set ta' reycling points. Hija kompliet tgħid kif waqt din is-seduta ġie deċiż li ninfurmaw lil ERA kif il-kunsill għandu ħsieb jagħmel dawn il-points underground inkollaborazzjoni ma' Greenpak bi skema ta' fondi 'Smart solutions' li ħareġ id-dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sinjorina Borg spjegat kif ERA irċeviet ir-risposta tagħna u kitbet lura biex inżommuha aġġornata u appena l-kunsill jieħu l-fondi nimplementaw dawn il-points malajr kemm jista jkun. Is-Sindku bħala membru tar-Reġjun Ċentru qal kif din il-materja ukoll ġiet diskussa waqt seduta u filfatt l-kunsilli kollha li jaqaw taħt dan ir-Reġjun kellhom jibgħatu risposti simili lil ERA.

29.7.3 Is-Sinjorina Farrugia għamlet rimarka dwar korrispondenza nru 0173/21. Is-sinjorina Borg spjegat kif dik kienet korrispondenza mibgħutha mill-Gvern Lokali dwar skema ta' korsijiet tal-lifelonglearning. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-kunsill ma setax japplika għal din l-iskema għaliex meta nħarġet hija kienet għaddejja bl-azzjonijiet industrijali taħt struzzjoni tal-union fejn waħda mill-istruzzjonijiet kienet li ma tarax l-imejl u għalhekk ma setatx tinforma lil kunsill b'din l-iskema. Din l-iskema issa skadiet fi Mejju u l-kunsill ma jistax japplika għaliha.

29.7.4 Is-Sinjorina Farrugia xtaqet tkun taf ukoll dwar xiex titratta korrispondenza nru 0178/21 bl-isem Community inclusive employment scheme. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif fis-seduta li għaddiet ġie approvat li napplikaw għal din l-iskema fejn il-kunsill applika biex ikollu supervisor fil-ġnien biex jagħti pariri ta' kif jista jitjieb l-ambjent ta' dan il-ġnien u josserva x'affarijiet hemm bżonn isiru bħal tindif u żbir.

## 29.8 *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

29.8.1.1 <u>Cir AKL 2021/047 Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill korrispondeza mibgħuta mill-AKL dwar kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. Kopja ta’ din il-korrispondenza ntbgħatet għall-kummenti tal-kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

29.8.1.2 Fil-qosor is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif l-AKL ikkonkludiet il-proċess ta' procurement dwar it-trażżin tal-ħamiem salvaġġ fil-lokalitajiet. It-trażżin ser ikun qed isir billi jsir għalf li jkun qed jipprevjeni milli jkun hemm riproduzzjoni tal-ħamiem u allura jiġu sterelizzati. Għaldaqstant sabiex dan il-proċess ikun wieħed effettiv, definittivament irid ikun hemm kontribut anki miċ-ċittadini sabiex ma jsir l-ebda tip t’ għalf ieħor.

29.8.1.3 Is-Sinjorina Borg kompliet tgħid kif l-assoċjazzjoni għamlitha ċara li sabiex Kunsill Lokali jibbenifika minn dan is-servizz irid jippreżenta by-law li tipprojbixxi għalf lill-ħamiem. Importanti li dawk il-Kunsilli Lokali li m’għandhomx din il-by-law u hemm problema ta’ ħamiem fir-raħal, din trid issir malajr kemm jista’ jkun. Is-Sinjorina Borg ikkonfermat kif fil-preżent il-kunsill m’għandhux by-law kontra l-għalf tal-ħamiem. Għalhekk hija saqsiet lil kunsill jekk mhux interess joħloq waħda biex jekk filkas tara min jista jgħina niktbu waħda, li umbgħad trid tiġi approvatha mill-DLG u l-Ministeru.

29.8.1.4 Sa dan it-tant qalet ukoll kif minn naħa l-oħra l-Assoċjazzjoni, diġa bdiet komunikazzjoni mal-LESA fuq l-istess suġġett sabiex f’kunsilli fejn hemm din il-by-law, din tiġi nfurzatha. Fil-jiem li ġejjin anke ser jibda l-proċess sabiex jinġieb l-ikel minn barra u minn hemm, il-kuntrattur jibda jikkomunika mal-kunsill sabiex jiġi stabbilit meta u kif se jkun fil-lokalita tagħna.

29.8.1.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk jistax ikun hemm by-law komuni għal kunsilli lokali kollha iżda s-Sindku rrispondiha li dan ma jistax ikun skond il-liġi u anke peress li jaf ikun hemm kunsilli li jista jkun ma jixtiequx ikollhom by-law bħal din.

29.8.1.6 Il-Kunsill iddiskutha dan is-suġġett u peress li ċertu toroq fir-raħal huma maħmuġin wisq bil-ħmieġ tal-ħamiem li iġenikament dan mhux sew, unanimament ġie approvat li jkollu by-law li tiprevjeni milli jkun hemm għalf tal-ħamiem miċ-ċittadini. Dwar dan is-Sur Dalli qal kif nhar il-Ġimgħa li ġej mistieden il-Furjana biex jattendi għal launch ta’ din l-inizjattiva.

29.8.2.1 <u>Skema 2021-2022 -biex isir ingaġġ ta’ Uffiċċjal tal-Komunita “Steward” Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f’Malta u Għawdex. – kollaborazzjoni mal-kunsilli Iklin u Balzan</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill applikazzjoni għal skema 2021-2022, biex isir ingaġġ ta’ uffiċċjal tal-komunita “Steward ” għat-trattament xieraq tal-annimali. Kopja tal-iskema u anke kopja tal-applikazzjoni mimlija ġiet mibgħutha lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

29.8.2.2 Is-Sinjorina Borg spjegat kif dwar din l-applikazzjoni hija tħadtet diversi drabi mas-Sindku u anke mal-kunsillier Zahra bit-telefon, peress li huwa l-kunsillier responsabbli mill-ħarsien tal-annimali. Hija għamlet dan peress li d-deadline tal-applikazzjoni hija biss ftit jiem wara il-laqgħa tal-kunsill u għalhekk spjegat kif kellha tikkomunika magħhom b’mod urġenti biex b’hekk ikollha biżejjed ċans biex timla din l-applikazzjoni u tissottomettiha sew fil-ħin.

29.8.2.3 Is-Sinjorina Borg qalet li kemm is-sindku u anke l-kunsillier Zahra qablu li l-kunsill għandu japplika għal din l-iskema u l-kunsill Zahra anke ssuġġerrixxa li l-kunsill jitfa applikazzjoni waħda mal-kunsilli ġirien, Iklin u Ħal Balzan. Għalhekk hija fil-qosor spjegat kif filwaqt li ħadmet fuq din l-applikazzjoni, il-kunsilli Iklin u Ħal Balzan mal-ewwel qablu li jissottomettu applikazzjoni waħda magħna. Filfatt hija kompliet tgħid kif l-applikazzjoni anke diġa ġiet ffirmatha u inizjalizzatha mis-sindki u s-segretarji eżekuttivi tat-tlett kunsilli kollha għaliex kien hemm qbil unanimu dwar il-kontenut tal-applikazzjoni.

29.8.2.4 Il-Kunsilliera ħadu nota ta’ din l-informazzjoni u fuq proposta tal-kunsillier Cini li kien issekondat mill-Viċi Sindku Mallia, approvaw l-applikazzjoni ta’ din l-iskema unanimament.

29.8.3.1 **<u>Ftehiem dwar qtugħ ta’ ħaxix salvaġġ – Assoċċjazzjoni tan-Naħħala Malta</u>**
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, korrispondenza mibgħuta mill-assoċċjazzjoni tan-naħħala Malta u ftehiem dwar il-qtugħ tal-ħaxix salvaġġ. Kopja ta’ din l-informazzjoni ntbgħatet lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

29.8.3.2 Fil-qosor is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-kunsill issieħeb mal-Assoċċjazzjoni tan-naħħala Malta fejn ġie ffirmat kuntratt biex ħaxix salvaġġ ma jiġix miżbur bejn it-30 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju ta' kull sena. Dan għaliex f'dak il-perjodu, l-fjuri tal-ħaxix salvaġġ iservu bħala sors ta' nectar u pollen għan-naħal. Għalhekk biex l-eżistenza ta' dawn l-ispeċi ma tkunx aktar skarsa qed jiġi mitlub biex fil-perjodu ndikat ma jsirx żbir tal-ħaxix salvaġġ.

29.8.3.3 Il-Kunsilliera ħadu nota u fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini kien hemm approvazzjoni unanima dwar dan il-ftehiem.

29.8.4.1 <u>Wifi4EU – indikazzjoni ta' tweħħil għal 15-il point</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill korrispondenza dwar l-iskema Wifi4EU, li l-kunsill lokali ta' Ħal Lija kien wieħed mill-kunsilli li applika għal din l-iskema. Kopja ta' din il-korrispondenza ntbgħatet lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

29.8.4.2 Fil-qosor is-Sinjorina Borg spjegat kif id-Diviżjoni ħarġet espressjoni ta' interess għal dawk l-operaturi/ kuntratturi li huma interessati li jipparteċipaw f'dan il-proġett. Sa dan it-tant il-kunsilli lokali ġew mitluba biex jipproponu siti fejn l-access points jistgħu jitwaħħlu. Huwa maħsub illi jiġu installati 15 'l access point fuq ġewwa tal-binjiet iżda dawn jistgħu jitwaħħlu wkoll fuq barra.

29.8.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif is-Sinjorina Lorraine Farrugia bgħatet is-suġġerimenti tagħha ta' fejn jistgħu jitweħlu dawn il-points. Hija qrat dawn is-suġġerrimenti li tat s-Sinjorina Farrugia għal tweħħil fuq barra u staqsiet lil kumplament tal-kunsill jekk jaqblux magħhom jew inkella jekk għandhomx xi proposti oħra.

29.8.4.4 Dwar din il-materja, s-Sur Dalli qal kif huwa ħaseb għal xi points fuq ġewwa għaliex jekk jitweħlu fuq ġewwa fl-opinjoni tiegħu hemm inqas inkwiet u ilqugħ kemm minn xemx u kif ukoll mix-xita. Huwa qal kif diġa kellem lil każini u l-għaqdiet (bħal tat-tennis u l-boċċi klabb) u dawn kollha jaqblu li jkollhom point fuq ġewwa. Is-Sur Dalli avviċina ukoll lil klabb tal-futbol u dawn jitħajru jagħmlu waħda fil-grawnd il-kbir. Huwa ssuġġerixxa li titpoġġa anke point fl-iskola kemm il-darba jkun hemm xewqa u anke jistgħu jitpoġġew points ġodda viċin tal-ġonna u anke oħra fejn il-housing estate.

29.8.4.5 Is-Sur Dalli qal kif issa ser jinġabru s-suġġerimenti kollha biex umbgħad ssir lista finali fejn qed jiġi ssuġġeriet li jitweħlu dawn il-ħmistax il-point u din il-lista tintbgħat b'imejl għal verifikazzjoni tal-kunsilliera kollha. Hawnhekk il-Viċi Sindku, is-Sur Mallia, irrimarka li huwa ideali li meta jiġi l-kuntrattur iweħħel dawn il-points jagħti parir lil kunsill anke hu dwar is-siti proposti jekk mhux tajbin jew le. Dwar din il-materja, l-Kunsilliera qablu li jsir hekk.

29.8.5.1 <u>CIR AKL 2021/056 – Allotment Gardening proposal – community gardening</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill korrispondenza mibgħuta minn AKL dwar proġett ta' community gardening li ser ikun qed iniedi Parks Malta mal-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli. Kopja ta' din il-korrispondenza ntbgħatet lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

29.8.5.2 Is-Sinjorina Borg spjegat kif l-allotment gardening proposal li l-AKL qed tħajjar lil kunsilli lokali japplikaw għalih ma' Parks Malta, huwa simili ħafna għal dak li proponiet is-Sinjorina Lorraine Farrugia fi seduti preċedenti, li jinħolqu community gardens fil-lokalita. Hija kompliet tgħid kif diment li l-kunsill lokali diġa kellu ħsieb li proġett simili bħal dan isir, hija applikat ma' AKL għal dan il-proposal fuq diskussjonijiet li kienu diġa ttellaw fil-kunsill biex isir community garden fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, f'dik il-biċċa ħamrija quddiem il-ground.

29.8.5.3 Is-Sinjorina Borg kompliet issostni li applikat mal-AKL biex b'hekk il-kunsill ikollu kemm għajnuna professjonali u gwida mingħand Parks Malta u l-Ministru ta' kif jista jitwettaq dan il-proġett u kif ukoll għajnuna finanzjarja għal fini ta' riżorsi. Hija spjegat kif huwa dejjem aħjar milli dan il-proġett iwettqu waħdu l-kunsill.

29.8.5.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li Parks Malta jaf anke jimxu fuq il-kuntratt li ħadmet bih Heritage Malta u ġentilment talbet biex tinżamm aġġornatha dwar dan il-proġett u qalet li hija trid u lesta tattendi anke laqgħat dwar dan il-proġett kemm il-darba dawn isiru.

29.8.5.5 Il-Kunsill unanimament qabel kif il-proġett ta' community gardening li kellu pjan jagħmel fi Triq Robert Mifsud Bonniċi alissa ser jagħmlu ma' Parks Malta kif spjegat fiċ-ċirkulari mibgħuta mill-AKL. Il-Kunsill applika u ser ikun qed jistenna lura mingħand Parks Malta.

29.8.6.1 <u>Cir AKL 2021/057 - *'Temporary and reversible' permit whereby catering establishments will be allowed to use adjacent public space as an Outdoor Catering Area* u firma tal-mandat</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ċirkulari oħra mibgħutha mill-AKL flimkien mal-MTA dwar ħruġ ta' permessi temporanji għall-użu ta' outdoor areas minn stabbilimenti tal-ikel, fid-dawl tal-miżuri sabiex tinżamm id-distanza soċjali anke f'dawn l-istabbilimenti. Kopja ta' din il-korrispondenza ġiet mibgħtuha lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

29.8.6.2 Is-Sinjorina Borg spjegat kif fuq proposti li saru minn AKL, l-MTA fasslet ftehiem dwar kif għandhom jinħarġu dawn il-permessi biex jgħinu lil ħafna stabbilimenti tat-telf li kellhom minħabba l-pandemija. Hija kompliet tgħid kif hija u s-Sindku f'isem il-kunsill lokali ta' Ħal Lija urew interess li jissieħbu f'dan il-ftehiem u filfatt ftit jiem ilu ffirmaw anke mandat dwar dan il-qbil.

29.8.6.3 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni u fuq proposta tal-Kunsillier Zahra li kien issekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia unanimament kien hemm qbil mill-kunsill kollu li dan il-mandat kellu jiġi ffirmat.

29.8.7.1 <u>Xiri ta' bin tal-ħadid fiċ-ċimiterju ta' Ħal Lija</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera li hemm bżonn jinxtara u jitweħħel bin tal-ħadid fiċ-ċimiterju ta' Ħal Lija. Hija ħalliet f'idejn is-Sindku biex jitkellem dwar din il-materja.

29.8.7.2 Is-Sindku qal kif avviċinatu l-persuna li tieħu ħsieb dan iċ-ċimiterju fejn qaltlu li hemm bżonn jitweħħel bin tal-ħadid minnflokk il- wheel bin tal-plastik li hemm bħalissa ħalli dan ma jitkissirx mill-kollettur. Dan il-bin ser jiswa bejn wieħed ieħor għal 90 ewro.

29.8.7.3 Il-Kunsill unanimament approva x-xiri ta' dan il-bin.

29.8.8.1 <u>Skema 6/2020 - Avvemimenti Soċjo Kulturali - Reġjun Ċentru</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat poġġiet fuq il-mejda għad-diskussjoni skema 6/2020 tar-Reġjun Ċentru. Bħala membru li jattendi għas-seduti ta' dan ir-Reġjun, hija ħalliet f'idejn is-sur Dalli biex jitkellem dwar din l-iskema.
Fil-qosor is-sur Dalli spjega kif ir-Reġjun Ċentru b'permezz ta' din l-iskema qed jagħti 10,000 ewro lil kunsill biex iħejji avvenimenti li huma soċjo kulturali. Oriġinarjament il-kunsill kien iddiskutha u qabel li din is-somma tinqasam biex jittellaw l-avvenimenti ta' Jum Ħal Lija u l-festival taċ-ċitru. Is-Sur Dalli spjega kif il-festival taċ-ċitru ma setax isir minnħabba il-covid u għal Jum Ħal Lija l-kunsill sa issa applika biex jiġu utlizzati 2,000 ewro biss minn din is-somma.

29.8.8.2 Huwa kompla jispjega kif ir-Reġjun Ċentru qed jinsisti li s-somma kollha tintefaq u biex l-kunsill jara x'ser jagħmel bihom dawn il-flus biex ma jintilfux. Għalhekk is-sur Dalli qed jissuġġerrixi li l-kumplament tas-somma tinqasam kif ġej; b' 4,000 ewro minnhom tingħata għajnuna lil kappillan biex jagħmel restawr fuq wieħed mill-inkwatri prezzjuzi ta' Franċesku Belliegħa li hemm fil-kappella tal-Belliegħa biex umbgħad ipoġġih fil-Knisja parrokjali u b'4,000 ewro oħra jgħin lil għaqda tan-nar jixtru equipment li bih jisparaw in-nar b'mod sinkronizzat.

29.8.8.3 Il-Kunsilliera unanimament qablu mas-suġġerimenti tas-Sindku u filfatt ser tintbgħat imejl b'dawn it-talbiet ta' fondi lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru.

29.8.9.1 <u>Korsijiet Reġjun Ċentru</u>
Dwar dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-Sindku biex jispjega.

29.8.9.2 Is-Sur Dalli qal kif ir-Reġjun Ċentru għamel survey man-nies dwar liema korsijiet ta' edukazzjoni huma jipreferu l-aktar jattendu għalihom u rriżulta li ħafna nies iħobbu jattendu għal korsijiet informattivi tal-kompjuter bħal ECDL. Għalhekk ir-Reġjun Ċentru qed jikkorrispondi ma' TCTC dwar lista ta' korsijiet tal-kompjuter li jistgħu joffru.

29.8.9.3 Is-Sindku kompla jispjega kif fis-seduta li jmiss tar-Reġjun Ċentru ser tittieħed deċiżjoni finali tal-korsijiet li ser jingħtażlu. Appena jkollu din l-informazzjoni huwa ser jaġġorna lil kunsilliera.

29.8.9.4 Is-Sinjorina Farrugia staqsiet jekk dawn il-korsijiet mhux ser isiru onlajn jew le. Is-Sindku wieġeb kif ħafna minnhom ser isiru onlajn, pero hemm ftit minnhom li jafu ma jsirux b'mod virtwali. Is-Sinjorina Farrugia ssuġġeriet biex għal dawk il-korsijiet li mhux ser isiru b'mod virtwali, kemm il-darba jkun hemm interess fihom mir-residenti biex jattendu, l-kunsill missu jikkunsidra li joffrilhom is-servizz ta' minibus biex jwassalhom fuq is-sit fejn ikun ser isir il-kors. Is-Sindku ma sabx oġġezzjoni għal dan is-suġġeriment. Il-Kunsilliera qablu wkoll.

29.8.10.1 <u>Fondi ERA</u>
Dwar din il-materja is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-sindku biex jitkellem.

29.8.10.2 Is-Sinku spjega kif dalwaqt ser joħorġu fondi minn ERA biex jintużaw għat-tisbieħ tal-ambjent. Huwa ssuġġerixxa li appena dawn il-fondi joħorġu l-kunsill japplika biex isir restawr fuq il-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Antonio Azzopardi li kien diġa applika għalih mal-ARPA pero l-applikazzjoni ma kienetx ġiet milqugħa. Huwa qal kif il-kunsill diġa għandu l-istimi tal-perit lesti ta' dan il-ħajt. Il-Kunsilliera kollha qablu.

29.8.10.3 Fuq nota oħra simili, is-Sindku tkellem ukoll dwar statement ta' fondi tal-UIF li għandu l-kunsill lokali, li ġie akkwistat mis-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin, l-assistent prinċipal tal-kunsill lokali. Huwa qal kif il-kunsill għandu fondi biżejjed f'dan il-kont, li ġew iġġenerati minn multi li jitħalsu lil Mepa dwar oġġezzjonijiet li jsiru fuq il-bini. B'dawn il-fondi il-kunsill jista jwettaq proġetti oħra ta' tisbieħ bħal tranġar ta' aktar sqaqien bil-pavimentar. Huwa qal li mhux ta' min jintilfu dawn il-fondi u l-kunsill missu jaħtaf l-opportunita li jutilizzahom qabel jintużaw minn xi NGOs oħra. Il-Kunsilliera qablu mas-Sur Dalli.

29.8.10.4 Hawnhekk is-Sindku ħass ħtieġa kbira li bi pjaċir isellem lill-assistent prinċipal, is-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin tax-xogħol siwi tagħha, l-impenn sħiħ li tagħti fuq il-post tax-xogħol u tad-dedikazzjoni kbira li hija għandha lejn il-kunsill lokali. Huwa spjega kif l-iskrivani kollha jaħdmu u jagħtu sehemhom kif xieraq pero dan l-aktar jidher b'mod speċjali fis-Sinjura Bonniċi Bondin u dan għaliex hija tagħmel xogħolha verament bil-qalb u tkun pronta biex tassisti kemm lis-segretarju eżekuttiv u anke lilu bħala sindku  mal-ewwel, saħansitra anke meta hija ma tkunx xogħol. Is-Sur Dalli sellem lis-Sinjura Bonniċi Bondi u reġa rringrazzjaha tassew ta' xogħolha li tant tagħmlu b'dedikazzjoni u effiċjenza kbira.

## 29.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

29.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 06/21 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €45.02 għax-xahar ta' Mejju.

29.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondatha mill-Viċi Sindku Daniel Mallia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 29.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

29.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alrmant ġodda.

29.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll kif fit-2 ta' Ġunju sar il-webinar onlajn dwar PA 07741/20 – La Fontana, 28, Triq Giovanni Barbara c/w Triq Pawlu Galea Lija. L-awtorita tal-Ippjanar approvat dan il-permess wara li l-applikant issottometta fresh plans skond il-local plan. Għalhekk issa diment li ser issir żvilupp skond il-local plan, m'hemmx lok li l-kunsill jibqa joġġezzjona.

29.10.3 Is-Sindku għamilha ċara kif il-kunsill kemm il-darba jkun hemm permess alarmanti speċjalment ġewwa il-village core jew kemm il-darba jitolbu r-residenti, huwa dejjem ser joġġezzjona u anke jagħmel it-tieni ittra ta' rapreżentazzjoni jekk ikun il-bżonn. Pero meta l-kunsill ikun oġġezzjona fuq xi permess ta' żvilupp diġa u l-applikant jissottometti xi fresh plans, il-kunsill mhux se joqgħod jagħmel it-tieni rapreżentazzjoni tiegħu. Dan għaliex diment li l-ewwel oġġezzjoni tkun għadha tgħodd ma jagħmilx sens li l-kunsill jitfa oġġezzjoni oħra, daqs li kieku qisha dopja. Apparti minn hekk kemm il-darba jkunu oġġezzjonaw entitajiet akbar mill-kunsill bħal ERA u Heritage Malta, il-kunsill m'għandhux bżonn jerġa joġġezzjona għax ikunu qed jipressaw u jieħu ħsieb dawn l-awtoritajiet.

## 29.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

29.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

29.11.2 Is-Sindku nforma lil kunsilliera kemm ħadet wisq pjaċir is-superjura tal-mużew tal-bniet bil-flus li ta il-kunsill b'permezz ta' waħda mill-iskema tar-Reġjun Ċentru (8/2020) biex tingħata l-għajnuna lil għaqdiet. Hija vera grata lejn il-kunsill għaliex bis-saħħa ta' dawn il-flus bidlet żewġ kmamar tat-toilet.

29.11.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf jekk id-dipartiment tas-saħħa tax xi tip ta' struzzjonijiet lil kunsill biex ikun jista jħejji u jipjana ħarġiet u attivitajiet kulturali bħal mawriet. Is-Sindku nfurmaha kif alissa attivitajiet bħal dawn għadhom ma jistgħux isiru minħabba l-limitu tal-grupp ta' nies li alissa jistgħu jiltaqgħu barra. Kemm il-darba l-kunsill jingħata struzzjonijiet simili huwa ser jieħu ħsieb li l-kunsilliera kollha jkunu nfurmati bihom.

29.11.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni kif fi Triq San Liċinju, inti u ħiereġ minn ħdejn il-mitħna hemm mera li xi drabi tkun mgħottija bi siġra speċjalment meta jkun ir-riħ. Is-Sindku qal kif huwa diġa jaf b'dan għax ġibed l-attenzjoni ukoll il-kunsillier Ċini u filfatt ser jibgħat lil ħaddiema biex jirranġawha.

29.11.5 Il-laqgħa ntemmet fil-5:14pm.

29.11.6 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar L-Erbgħa 21 ta' Lulju 2021 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-11:00am onaljn.

Konfermati, illum l-Erbgħa 21 ta' Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |